



Brussell, 10 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7207/23

**PECHE 73
ENV 212
POLMAR 11
ENER 106**

NOTA

| | |
|----------|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | <p>Pakkett tas-sajd</p> <ul style="list-style-type: none">a) Komunikazzjoni dwar il-politika komuni tas-sajd illum u għada: Patt dwar is-Sajd u l-Oċeani lejn ġestjoni tas-sajd sostenibbli, ibbażata fuq ix-xjenza, innovattiva u inkluživab) Rapport dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakulturac) Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenzid) Komunikazzjoni dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-setturi tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE<ul style="list-style-type: none">- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni- Skambju ta' fehmiet |

1. Fil-21 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill pakkett ta' politika tas-sajd, li fih l-erba' dokumenti fis-suġġett, li għandu l-għan li jtejjeb is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE. It-tliet komunikazzjonijiet u r-rapport jikkplementaw lil xulxin, peress li jindirizzaw aspetti differenti tal-Politika Komuni tas-Sajd u jipproponu miżuri mmirati lejn is-sajd u l-komunitajiet kostali, l-ekosistema tal-baħar, il-governanza u l-innovazzjoni. F'dan is-sens, il-Kummissjoni tiproponi "Patt għas-Sajd u l-Oċeani" biex tirrikonċilja l-kunsiderazzjoni ambjentali u soċċoekonomici u biex tlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati kollha biex isawru futur komuni għall-politika tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE li jibni fuq ambjent tal-baħar b'saħħtu u b'impronta tal-karbonju mnaqqsa.

2. Fid-9 ta' Marzu 2023, saru l-ewwel preżentazzjoni u skambju ta' fehmiet dwar dawn l-erba' dokumenti fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd.
3. Il-Kunsill ser jiġi mistieden ikollu skambju ta' fehmiet dwar dan il-pakkett ta' politika, bl-għan li jikkontribwixxi għat-ħejjija tal-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-Presidenza tiproponi li d-dibattitu fil-Kunsill jiġi strutturat skont it-tliet mistoqsijiet li ġejjin:
 - a) X'inħuma l-prioritajiet ewlenin tagħkom għal futur sostenibbli u reżiljenti tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE, filwaqt li jitqies ukoll il-kuntest ġeopolitiku attwali?
 - b) Fl-opinjoni tagħkom, x'inħuma l-elementi ewlenin fir-rigward tal-azzjonijiet li qed tiproponi l-Kummissjoni fil-pakkett tagħha?
 - c) Parti ċentrali tal-pakkett tal-Kummissjoni hija li ssir aktar ħidma mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha permezz ta' Patt għas-Sajd u l-Oċeani possibbli u Sħubija dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija. Kif tipprevedu li tkun tali kollaborazzjoni minn perspettiva ta' Stat Membru bl-involviment tal-atturi kollha kkonċernati?